MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 739/2008

**Beatrice Palmier Cecy u b' Digriet tat-Tribunal datat id-9 ta' Frar, 2013 it-Tabib Carmelo, Mary, Josephine u Catherine ulied il-mejtin Emanuel u Beatrice Palmier Cecy gew mghoddija l-Atti tal-Kawza minflok ommhom Beatrice Palmier Cecy**

**Vs**

**Etienne Schembri**
**(ID 430374M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Ottubru, 2008 fejn l-atturi talbu minghand il-konvenut ihallas l-ammont ta'elf sitt mija u tmenin ewro ( €1, 680) in konnessjoni ma' l-kera tal-fond " Ironmongery," 149/149B, Triq il- Karmnu, kantuniera ma' Triq il-Papa Innocenzju, Luqa, ghall-perijodu 8 ta' Jannar, 2008 sas-7 ta' Jannar, 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi sebgha u tletin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€37.27) ta' l-Ittra Ufficjali tas-16 ta' Novembru, 2007, kontra l-konvenut, li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

U bl-imghax skond il-Ligi.

Il-konvenutipprezenta risposta fit-12 ta' Mejju, 2009 fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur irid jipprova t-titolu tal-fond oggett ta' dina l-Kawza;

2. Illi fit-tieni lok l-ammont mitlub bhala kera ma huwiex dovut ghaliex qatt ma gie approvat mill-Qorti jew Tribunal kompetenti li jistabilixxi l-kera gusta tal-imsemmi fond ;

3.Illi fit-tielet lok l-Kera' mitluba ma hijiex gusta u korretta;

Xehed Dr Carmelo Palmier Cecy li spjega kif dan il-fond in kwistjoni spicca ghand l-atturi u ezebixxa wkoll dokumenti li juru li missier il-konvenut kien ihallas il-kera lilu. Ezebixxa wkoll dokument illi juri li missier il-konvenut xtaq li l-kera tal-fond iddur fuq ibnu l-konvenut Etienne Schembri. Dan fill-fatt wara xi ftit is-sidien iddecidew li jghollu l-kera'. Dan l-awment ma giex accettat mill-konvenut u ma thallasx.

Il-konvenut ma gabx provi sabiex jissostanzja l-eccezzjonijiet tieghu.

Fir-rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut , l-atturi jirrilevaw illi t-titolu taghhom u r-relazzjoni ta' kera mal-konvenut giet murija permezz tax-xhieda tat-Tabib Carmelo Palmier Cecy, illum wiehed mill-atturi, meta xehed kif il-fond in

kwistjoni kien originarjament mikri lil missier il-konvenut li, fis-sena 2001 kien talbu sabiex il-kirja tal-fond tghaddi ghand ibnu, l-konvenut, kif di fatti sar. Minn hawn tirrizulta r-relazzjoni ta’ sid u kerrej bejn l-attrici originali – u issa l-*aventi causa* taghha l-atturi odjerni – u l-konvenut Etienne Schembri;

Illi dwar it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, l-atturi jirrilevaw fl-ewwel lok illi dawn m’ humiex kompetenza ta’ dan it-Tribunal stante li, skond l-Art.3(2) tal-Kap 380, dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont mhux izjed minn tlett elef u erba’ mija u erbgha u disgha euro u sitt centezmi (€3,494.06).

Illi, dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, l-atturi jirrilevaw illi, kif fuq indikat, din hija kirja li, skond ix-xhieda – **mhix kontradetta** –moghtija minn Carmelo Palmier Cecy u anke’ skond id-dokumenti esibiti mill-istess xhud, Dok. CPC1 sa Dok. CPC3, a fol.21 sa 23 tal-process, jirrizulta li bdiet fl-2001. Ghaldaqstant, skond l-Art. 46(1) tal-Kap. 69, introdott permezz ta’ l-Att XXXI ta’ l-1995, u kif kien qabel ma gie emendat permezz ta’ l-Art. 38 (c) ta’ l-Att X ta’ l-2009, id-disposizzjonijiet ta’ qabel (jigifieri minn Artikolu 1 sa Artikolu 45) ta’ l-istess Kap. 69 ma japplikawx ghal tali kirja, li, ghalhekk ghandha tigi regolata bid-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili u kwindi m’ hemm bzonn ta’ l-ebda approvazzjoni ta’ xi Qorti jew Tribunal sabiex isir awment fil-kera jew sabiex tigi terminata l-kirja da parti tas-sid, jew sabiex is-sid jimponi kundizzjonijiet godda;

Illi, ghar-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut, l-atturi jaghmlu referenza ghal dak espost hawn fuw, u jirrillevaw illi dan m’huwiex it-Tribunal opportun sabiex jiddeciedi jekk il-kera mitluba hijiex gusta u korretta. Jekk il-konvenut dehrlu li l-kera mitluba ma kinitx gusta u korretta, seta’ ttermina l-kirja u rritorna c-cwievet tal-fond lis-sid, kif, del resto, gie mitlub jaghmel permezz ta’ l-ittra mibghuta lilu fid-19 ta’ Ottubru, 2007;

Illi Alessio Schembri, missier il-konvenut, fix-xhieda tieghu, ittenta jqanqal dubbji anke' dwar il-lokalita' tal- fond in kwistjoni, billi qal illi l-fond li jappartjeni lill-atturi m'huwiex dak indikat mill-istess atturi izda fond adjacent ghalih. Illi l-atturi jirrillevaw illi, fl-ewwel lok, ma nghatat l-ebda eccezzjoni f' dan ir-rigward; illi, fit-tieni lok, jirrizulta ampjament car mix-xhieda prodotta mill-atturi, illi kien l-istess Alessio Schembri li, permezz tal-Perit Arkitett inkarigat minnu, indika lil Carmelo Palmier Cecy liema kien il-fond li l-istess Alessio Schembri kien jikri minghand iz-ziju ta' l-istess Carmewlo Palmier Cecy u sussegwentement minghand l-attrici originali, omm l-istess Carmelo Palmier Cecy; u, fit-tielet lok, dak li l-atturi qeghdin jitolbu huwa l-hlas tal-kera minghand il-konvenut, liema konvenut jikri fond wiehed biss minghand l-istess atturi. Galadarba gie stabbilit dan, il-lokalita' u l-identifikazzjoni tal-fond ma fihiex importanza: il-konvenut ma cahadx li hu jikri l-fond minghand l-atturi;

Galadarba l-konvenut ma rritornax ic-cwievet tal-fond lis-sid, kif kellu l-ghazla li jaghmel fl-ittra ndikata tad-19 ta' Ottubru, 2007 (Dok.CCP1), isegwi li l-istess konvenut ghazel l-ewwel opzjoni, u *cioe'* li l-kera jigi awmentat. Il-konvenut ma gab l-ebda raguni u ma pprezenta l-ebda eccezzjoni sabiex jindika ghaliex it-talbiet attrici ma ghandhomx jintlaqghu u ghaliex hu ma ghandux jigi kundannat ihallas l-ammont mitlub fl-Avviz.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi l-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont ta' elf sitt mija u tmenin ewro ( €1, 680) lil attur bl-imghax Legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-Kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------